

HI5
FACEBOOK
CALENDAR OF EVENTS
PHOTO ALBUM

# Htiega t'azzjoni konkreta fil-qasam tat-turizmu f'pajjizna



*... bi-Kontijiet tac-Dawl u .-Ilma kif inhuma, Lawrence Gonzi qed jipperikola ı-impjiegi ta .-industrija turistika ı pajjizna ...*

Meta kien qed jindirizza Business Breakfast dwar it-Turizmu organizzat mill-Partit Laburista illum, il-Mexxej Laburista Joseph Muscat qal li l-industrija turistika f'pajjizna tehtieg azzjoni immedjata fejn il-Gvern ghandu jkun il-policy maker u s-settur privat, li investa flusu f'dan il-qasam, ghandu jiehu l-lead u jimbotta l-affarijiet 'l quddiem. "Li kieku ghandna r-responsabilita' llum, kieku ahna qeghdin *on the ground* mmexxu u nimbuttaw l-affarijiet 'l quddiem. Nemmnu li f'dan il-qasam, il-privat ghandu jmexxi u ahna nsegwu u mhux bil-maghluq", sahaq il-Mexxej Laburista. "Intkom investejtu fluskom u intom tafu x'hemm bzonn illi jsir", sahaq Joseph Muscat fl-istess hin illi tenna l-htiega l-bzonn u l-urgenza biex l-izvilupp fil-qasam tat-turizmu jimxi f'sinergija ma' l-izvilupp sostenibli f'pajjizna.

B'referenza ghall-kontijiet tad-dawl u l-ilma, il-Mexxej Laburista akkuza lill-Prim Ministru illi ser ikun qed jimmina l-kompettivita' ta' pajjizna u jipperikola l-impjiegi tal-haddiema fl-industrija turistika. Il-Mexxej Laburista ddeskriva d-decizjoni tal-Prim Ministru dwar il-kontijiet tad-dawl u l-ilma bhala zball enormi u li difficli biex tigi kkoreguta. Fakkar li x-xokk fuq il-poplu kien hemm u ghadu hemm ghaliex in-nies li rcevew il-kontijiet tad-dawl u l-ilma dawn baqghu ma gewx imnaqsin. Sahaq li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma ghal qasam domestiku hekk kif imhabbra issa, huma ekwivalenti ghal *surcharge* ta' 100%. Il-Mexxej Laburista qal li biex jigu salvati l-impjiegi, pajjizna ghandu bzonn ta' garanzija biex it-tariffi imhabbra issa ma jghollewx sa l-ahhar tas-sena, liema garanzija l-Prim Ministru qed jirrifjuta milli jaghti. Huwa ghalhekk qal il- 2
Mexxej Laburista li pajjizna jehtieg tmexxija makro-ekonomika ahjar illi ma tistenniex il-budget illi jmiss. Sahaq li Ottubru jista' jkun tard wisq u ghalhekk sostna li pajjizna ghandu bzonn interventi immedjati fosthom li s-sena d-diehla l-Gvern ma jibqax ghaddej bil-pjani tieghu li jintroducci fuq is-settur taxxa ta' 50 c fuq kull turist li jigi pajjizna.

Il-Mexxej Laburista fakkar li l-qasam tat-turizmu jaqa' taht ir-responsabilita' tal-Prim Ministru. "Nittama li t-turizmu ma jigrilux bhall-finanzi tal-pajjiz fejn suppost kienu fis-sod u issa pajjizna qed jesperjenza l-akbar rekord ta' deficit f'kull zmien", sostna l-Mexxej Laburista. "L-ironija hija li fl-ewwel 3 xhur ta' din is-sena d-deficit diga telgha ghal daqs kemm kellu jkun f'sena shiha. Kien jaghmel sens illi kieku dawk il-flus marru ghall-investiment f'pajjizna. Madanakollu fil-kaz ta' pajjizna dan ma garax ghaliex fl-istess hin li sploda d-deficit fl-ewwel kwart tas-sena zdiedu t-taxxi, zdied l-piz amministrattiv u naqas l-investiment", sostna l-Mexxej Laburista. Il-Partit Laburista jemmen li flus il-Gvern m'ghandux imorru f'bir tas-skieken izda biex joholqu aktar gid, tenna Joseph Muscat.

Joseph Muscat tenna l-fiducja tieghu li l-industrija tohrog mill-krizi li tinsab fiha bhalissa u ghalhekk appella ghal aktar sinergija u koalizza bejn il-haddiema u dawk li jmexxu u jinvestu flushom f'dan il-qasam. Sostna li ghall-Partit Laburista hija prijorita' li jigu immarkati progetti infrastrutturali specfici halli jigu implimentati madwar Malta u Ghawdex. Il-Mexxej Laburista qal li filwaqt illi l-Partit Laburista qal li ghandu l-hegga, ir-rieda u l-motivazzjoni biex f'dan il-qasam jahdem b'mentalita rebbieha, haddiehor li ilu aktar minn 20 sena fit-tmexxija tilef l-interess u l-hegga li jimbotta dan il-qasam daqstant importanti 'l quddiem.

L-attivita' ta' dalghodu fil-Westin Dragonara kienet indirizza ukoll mill-Kelliema Ewlenija tat-turizmu Marie Louise Coleiro Preca u l-Kap Ezekuttiv tat-Travel Group Malta Tony Coleiro.

Marie Louise Coleiro Preca tkellmet dwar il-problemi li qed tiffacja din l-industrija, l-prodott ta' pajjizna, nuqqas ta' kompettivita' u n-nuqqas ta' riklamar. Fakret kif postijiet strategic ghall-industrija turistika f'pajjizna bhall-inhawi ta' Bugibba, il-moll tac-Cirkewwa, l-Armier u l-White Rocks baqghu mitluqa u abandunati. Il-Kelliema Ewlenija tal-Partit Laburista fakret kif il-Gvern ilu snin shah weighed diversi progetti fil-qasam tat-turizmu li baqghu qatt ma waslu. Tkelmet dwar l-MTA u kif minkejja li l-Gvern zidilha l-fondi, ir-rizultati xorta wahda baqghu ma waslux. Hawn fakret li ghal darb'ohra l-Gvern reggha falla milli jaghmel pjan strategiku ghall-htigijiet ta' din l-industrija.

Tony Coleiro tkellem dwar kif il-prezzijiet f'pajjizna meta kkumparata ma' pajjizi ohra huma gholja hafna u appella lill-awtoritajiet biex b'sens ta' kuragg u koordinament shih pajjizna ghandu bzonn rieda politika qawwija sabiex dan is-settur jikseb ir-rizultati. Qal ukoll li l—industrija ma tiflahx ghal aktar pizijiet bhal ma hija t-taxxa ta' 50 centezmu.

Prezenti ghall-attivita' kien hemm nies mill-industrija u korpi-kostitwiti, deputati Laburisti u l-kandidati tal-Partit Laburista ghall-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

Contribute your ideas
WHO IS JOSEPH
JOSEPH'S ACHIEVEMENTS AS AN MEP